# PASTOR

rivista pastorali

*maħruġ mis-Soċjetà tal-Kleru Christus Rex*

**Vol XXXV n. 311** Marzu - April 2004


## Editorjal


- *In-Nies tad-Dgħajjes* 2


## Kummenti


- *Edukazzjoni Kontra t-Terroriżmu Internazzjonali* P. W. Axiaq OFM Cap 7


## Artikli


- Katekeżi fuq ir-Relazzjoni ta' Marija ma' Kristu A. Xuereb 10
- Maħfra u Rikonċiljazzjoni fost ir-Reliġjużi P. W. Axiaq OFM Cap 14
- Konverżjoni jew Konverżjonijiet ta' S. Wistin? Rev. Dr. S. Caruana OSA 19
- The Communitarian Objective of Child Catechesis Fr. R. Deguara 32
- Il-Komunjoni u l-Valuri tas-Sinodu Dun H. Scerri 41


## Virtujiet


- *Ir-Radd il-Ħajr* 44


Tistgħu tibagħtu l-artikli tagħkom fuq *floppy disk* 3¼"
jew permezz ta' *e-mail* lil: mark.bugeja@keyworld.net
Is-'Suġġett', fil-każ ta' *e-mail*, għandu jitniżżel bħala "PASTOR".
Tinsewx tinkludu t-titlu tal-kitba u l-isem sħiħ ta' l-awtur
f'kull materjal mibgħut għall-pubblikazzjoni.

# Il-Komunjoni u l-Valuri tas-Sinodu

ħala Skema għal Laqgħa jew għar-Riflessjoni personali

Dun Hector Scerri

**1. Talba fil-bidu:**

*Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha ta' l-art, aqdu bil-ferħ lill-Mulej, idħlu quddiemu b'għana ferrieħi. Kunu afu li Jahweh hu Alla, hu ħalaqna u aħna tiegħu, aħna l-poplu tiegħu u n-ngħaġ tal-merħa tiegħu.* (minn Salm 100)

*Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda fina. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni... Jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili.* (Ġw 17,21.23)

**2. Punti biex tiżviluppa**

- Is-Sinodu - grazzja kbira għall-Knisja f'Malta: grazzja ekkleżjali u grazzja personali.
- Dixxerniment personali u komunitarju.
- Stil ġdid. Bidla fil-mentalità.
- Ħafna fuqiex nirriflettu spiritwalment u pastoralment.
- X'pastorali nistgħu nagħmlu jekk m'aħniex magħqudin ma' l-Imgħallem? Ara Cardinal Joseph Bernardin, *The Gift of Peace,* 1997, pp. 96-100: *"What I have found as time has gone on is that the effect of that first hour doesn't end when the hour is up. That hour certainly unites me with the Lord in the early part of the day, but it keeps me connected to him throughout the rest of the day as well."* (p.98) *"But I go back to one word: connected. Without prayer, you cannot be connected or you cannot remain united with the Lord."* (p.100)
- Ngħaddu mit-talb għall-ħajja ta' kuljum. Kif nista' noħroġ minn quddiem il-Mulej u ma naħdimx għall-għaqda, għall-maħfra, mogħdrija?

- Spiritwalità ta' Komunjoni (Ittra Appostolika *Fil-Bidu ta' Millennju Ġdid*, par.43).

- Din l-ispiritwalità hija l-mutur biex ngħixu l-valuri tas-Sinodu. *"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja. Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, għalxejn jishar il-għassies"* (Salm 127,1)

- Is-6 Valuri: Komunjoni, Formazzjoni, Evanġelizzazzjoni, Djalogu, Qadi, Solidarjetà.

- Komunjoni (Għaqda) ta' l-imgħammdin kollha: Poplu b'karizmi (doni) u ministeri (rwoli) diversi.

- Mid-Dokument tas-Sinodu *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni*:

- par.15: mill-komunjoni għax-xhieda (ara wkoll l-impatt ta' l-ewwel insara fuq is-soċjetà);

- par.17: dar u skola ta' komunjoni. X'tip ta' xhieda qegħdin nagħtu?

- par.18: eżempji prattiċi ta' komunjoni;

- par.21: is-sehem ta' kulħadd. Spirtu ta' koordinament veru;

- par.23: konsultazzjoni vera;

- par.24: is-saċerdot bennej ta' komunjoni: "jaħdmu aktar id f'id bejniethom u ma' kulħadd".

- par.27-29: ix-xhieda tal-ħajja konsagrata: il-karizma tal-komunjoni; koperazzjoni u kollaborazzjoni fuq diversi livelli.

- Iċ-ċentralità ta' l-ispiritwalità: ara par. 31, 32, 33, 34.

- Kemm aħna skola ta' talb? (par.35). Kif qegħdin niċċelebraw is-sagramenti? Kemm qegħdin inqanqlu s-sens tas-sagru fin-nies?

- Djalogu u kollaborazzjoni (par.38). L-emfasi ta' l-Arċisqof fuq ***flimkien***: sfortunatament ħafna jridu jiftħu l-*ħanut* tagħhom; kulħadd fin-*niċċa* tiegħu.

- Irridu ngħixu r-radikalità tal-Vanġelu (par.47).

- Kemm qed infejqu l-firdiet tas-soċjetà, tal-parroċċi tagħna? Irridu nkunu profetiċi (par.49).

- Xi tfisser kollaborazzjoni? Mhux biss li ninfurmak. Imma li biċċa xogħol nippjanawha *flimkien*. Inkun lest inċedi l-idea tiegħi, int lest li ċċedi tiegħek biex *flimkien* nagħmlu ħaġa aħjar. Li naħdmuha *flimkien*. Li naraw fhix wasalna *flimkien*. Nerġgħu nippjanaw *flimkien*. U nkomplu nimxu t-triq *flimkien*... fil-

bnazzi, fil-maltemp, fis-suċċess, fil-falliment...

- Konverżjoni: Bidla fil-mentalità (ara fuljett *Flimkien nagħarfu s-sinjali...*).

- Konklużjoni: aqra par.56 tad-dokument *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni.*

**3. Punti għar-riflessjoni:**

1. Biex nibni komunjoni ma' ħuti s-saċerdoti u ma' bnedmin oħra jeħtieġ li jkolli komunjoni m'Alla. Fejn jien fir-relazzjoni tiegħi m'Alla? Din ir-relazzjoni qegħda twassalni biex inkabbar l-għaqda ma' ħuti l-bnedmin?

2. Qed nipprova nimita l-ewwel saċerdoti billi ngħix il-komunjoni li kienet teżisti bejn l-Appostli wara Pentekoste, kif jgħid San Luqa fl-Atti: *"Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda u kienu jaqsmu kollox bejniethom"?*

3. Il-membri tal-komunità nisranija suppost li għandhom ikunu qalb waħda, ruħ waħda u spirtu wieħed. Kemm qiegħed nagħti sehmi biex dan jiġi promoss?

4. Kemm inħossni li nappartjeni għall-presbiterju/komunità u kemm ngħin biex ħaddieħor iħossu li jappartjeni - iħossu aċċettat u milqugħ?

5. Kemm qed inkun miftuħ ma' ħaddieħor u kemm nagħti ċans biex bl-attitudni tiegħi ħaddieħor iħossu komdu u liberu li jiftaħ qalbu miegħi?

6. Kemm nuri *caring* lejn ħaddieħor billi nipprova nifhmu, ngħinu, naħfirlu, naqdih fil-bżonnijiet, diffikultajiet u n-nuqqasijiet tiegħu? Meta nuri *caring* lejn ħaddieħor tkun ħaġa temporanja jew li tibqa'?

7. Qiegħed nipprova nikkopera ma' ħaddieħor fix-xogħol, fl-attitudni ġenerali tiegħi biex intejjeb il-ħajja tal-komunità/parroċċa? Bil-kliem u bl-imġiba tiegħi qed inkun ta' għajnuna jew ta' tfixkil?

8. Nuri paċenzja ma' ħaddieħor? Inħoss li hemm fiduċja reċiproka bejni u bejn ħaddieħor? Jekk le, qiegħed naħdem għal dan? Nipprova xejn innaqqas it-tensjonijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien?

9. Qiegħed nuża d-doni li Alla żejjinni bihom għall-ġid tal-komunità biex ngħinha tikber?

10. Jekk inħoss li hemm xi nuqqasijiet fija, lest li nagħmel sagrifiċċju u nbati ftit biex nirbaħhom għall-ġid tal-komunità? ❖